73. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Ian Borg, jipproponi:

Illi wara li l-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ddiskuta l-Ombudsplan għas-sena 2027 ippreżentat mill-Ombudsman, li kopja tiegħu tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra fis-Seduta 18 tal-5 ta' Ottubru 2026;

Wara li sema' l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Ombudsman personalment fuq il-kummenti kollha li sarulu fil-laqgħa tal-istess Kumitat tat-13 ta' Ottubru 2026;

Wara li t-traskrizzjoni ta' din il-laqgħa ġiet ċirkolata lill-Membri tal-Kamra tad-Deputati; u

Wara r-rakkomandazzjoni li saret mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra;

Il-Kamra tad-Deputati tapprova l-Ombudsplan għas-sena 2027 kif ippreżentat.

26.10.2026